

Paġna Ewlenija > Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji > Romania

# Taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn  
Rumanija



Rumanija

## Deskrizzjoni ġenerali

It-taħriġ inizjali tal-imħallfin u tal-prosekuturi jitwettaq mill-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura (NIM) u huwa obligatorju għall-apprendisti ġudizzjarji. In-numru ta' postijiet disponibbli huwa deċiż annwalment mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (SCM), fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tal-ġudikatura. FI-2021, kien hemm 300 kariga miftuħa, fosthom 175 ta' mħallfin u 125 ta' prosekuturi u l-konkors għaddej bħalissa.

It-taħriġ inizjali jdum sentejn, skont il-liġi, iżda huwa biss fi tmiem l-ewwel sena ta' studju li l-apprendisti ġudizzjarji jagħżlu l-professjoni tagħhom – dik ta' mħallf jew ta' prosekutur. Għalhekk, fl-ewwel sena t-taħriġ inizjali huwa ġeneralizzat, billi l-apprendisti ġudizzjarji kollha jsegwu l-istess kurrikulu u huma sottomessi għall-istess proċess ta' evalwazzjoni, irrispettivament mill-professjoni futura tagħhom. Matul it-tieni sena tal-istudji tagħhom, l-apprendisti ġudizzjarji jiġu pprovduti b'taħriġ speċjalizzat, primarjament fil-qradi u fl-uffiċċji tal-prosekuturi, skont l-għażla tagħhom.

L-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura huwa skola professjonali u mhux estensjoni tal-istudji universitarji. Għalhekk, it-taħriġ inizjali fl-NIM jikkonċerna primarjament il-ħiliet applikati u mhux biss ir-rikonoxximent tad-dispożizzjonijiet/tat-testi legali.

Għaldaqstant, l-apprendisti ġudizzjarji huma mħarrġin sabiex ikunu jafu, pereżempju, kif imexxu seduta tal-qorti/fl-istadju tal-prosekuzzjoni kriminali, jeżaminaw il-provi ppreżentati mill-partijiet quddiem il-qorti, jifhmu l-psikoloġija tat-tipi differenti ta' litiganti, janalizzaw faċilment fajl u jabbozzaw deċiżjoni jew kwalunkwe att ġudizzjarju ieħor.

## Aċċess għat-taħriġ inizjali

L-aċċess għat-taħriġ inizjali jingħata esklużivament permezz tal-konkors ta' ammissjoni tal-NIM, organizzat mill-SCM, permezz tal-NIM, u huwa bbażat fuq il-kompetenza professjonali, fuq il-ħiliet u fuq reputazzjoni tajba.

Il-konkors ta' ammissjoni tal-NIM huwa indirizzat lill-gradwati fil-liġi li jkollhom lawrja ta' baċċellerat, irrispettivament mill-età jew mill-esperjenza professjonali preċedenti, u jinkludi erba' stadji:

- eżami li jivverifika l-għarfien legali permezz ta' test b'għażliet multipli, sabiex l-ewwel selezzjoni ssir b'mod oġġettiv u effiċjenti;
- eżami bil-miktub bl-għan li jivvaluta l-ħila ta' pproċessar u ta' korrelazzjoni ta' informazzjoni, ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tal-liġi, ta' argumentazzjoni bil-miktub, u ta' raġunament loġiku u korrett;
- eżami psikoloġiku, li jinkludi test bil-miktub u intervista, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kandidati jkunux psikoloġikament kapaċi jeżerċitaw il-professjoni tagħhom;
- eżami orali, li jikkonsisti f'intervista li tivverifika mhux biss l-għarfien iżda wkoll il-ħiliet, il-kapaċitajiet, il-motivazzjoni u l-kwalitajiet umani tal-kandidati għal tali professjoni.

Il-kandidati aċċettati jiksbu l-kwalità ta' apprendisti ġudizzjarji u jsegwu l-programm ta' taħriġ inizjali tal-NIM, li

jintemm bl-eżami ta' gradwazzjoni tal-NIM.

Ma hemm l-ebda rotta alternattiva ta' aċċess għat-taħriġ inizjali. Madankollu, wieħed jista' jidħol ukoll fil-karigi tal-maġistratura bil-mezzi li ġejjin:

- permezz ta' kompetizzjoni għall-ammissjoni għall-maġistratura, organizzata mill-SCM, permezz tal-NIM – indirizzata lil persuni li jkollhom lawrja fil-liġi u tal-anqas 5 snin esperjenza f'ċerti karigi legali previsti mill-liġi. Il-kandidati aċċettati jiksbu l-kwalità ta' mħallef jew ta' prosekutur u jkollhom l-obbligu li jattendu kors ta' taħriġ professjonali fi ħdan l-NIM, għal 6 xhur;
- mingħajr kompetizzjoni jew eżami, fi ħdan proċedura mwettqa mill-SCM - għal persuni li qabel kienu fil-kariga ta' mħallef, ta' prosekutur jew ta' assistent maġistrat għal tal-anqas 10 snin, li waqqfu l-attività tagħhom għal raġunijiet mhux attribwibbli lilhom, sabiex jimlew pożizzjonijiet vakanti fil-qrati jew fl-uffiċċji tal-prosekuturi.

## Format u kontenut tat-taħriġ inizjali

It-taħriġ inizjali tal-apprendisti ġudizzjarji jsejnh fuq perjodu ta' sentejn, bl-ewwel sena ddedikata għat-taħriġ teoretiku u prattiku permezz ta' korsijiet u seminars li jsiru fl-Istitut, u bit-tieni sena primarjament għal prattika fil-qrati u fl-uffiċċji tal-prosekuturi.

Il-programm ta' taħriġ inizjali jiġi approvat annwalment mill-Plenarja tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, fuq il-proposta tal-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura li jelabora dan il-programm u jissottomettih għall-analiżi tal-Kunsill Pedagoġiku u tal-Kunsill Xjentifiku.

Il-kurrikulu għall-ewwel sena jinkludi l-oqsma ta' studju, in-numru ta' korsijiet u s-seminars relatati ma' kull qasam, kif ukoll il-metodoloġija tal-valutazzjoni. Il-kurrikulu għat-tieni sena jipprovdi l-internships ta' taħriġ prattiku.

It-taħriġ ta' apprendisti ġudizzjarji jitwettaq mill-persunal tat-taħriġ tal-Istitut, li normalment jintgħażel minn fost l-imħallfin u l-prosekuturi *interim*. Ħarrieġa full-time, sekondati lill-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura, u ħarrieġa li jikkollaboraw jiġu organizzati f'dipartimenti skont l-oqsma ta' taħriġ li jkunu speċjalizzati fihom.

Il-ħarrieġa jiżviluppaw il-kurrikulu relatat ma' kull qasam li jinkludi t-temi u s-sottotemi, in-numru ta' sigħat allokat li kull wieħed minnhom, il-metodoloġija ta' taħriġ kif ukoll id-dettalji rigward il-valutazzjoni tal-apprendisti ġudizzjarji.

Il-koordinaturi tal-prattika huma mħallfin u prosekuturi minn qrati u minn uffiċċji tal-prosekuturi li jiggwidaw l-attività speċifika għat-taħriġ prattiku matul it-tieni sena.

L-ewwel sena tal-istudji

- L-attività ta' apprendisti ġudizzjarji, organizzati fi gruppi ta' 15 – 17, titwettaq primarjament fil-kwartieri ġenerali tal-NIM, fejn jattendu korsijiet u seminars ipprovduti mill-programm ta' taħriġ inizjali, sabiex jistendu l-għarfien legali tagħhom u jiżviluppaw ħiliet speċifiċi għall-professjoni ta' mħallef u ta' prosekutur. Fl-NIM, l-istudju tal-liġi huwa primarjament prattiku, u jirriproduċi, kemm jista' jkun, il-kundizzjonijiet reali li fihom maġistrat iwettaq l-attività tiegħu. Jinkludi studji tal-każ, imwettqin fi gruppi żgħar, taħt il-gwida tal-prattikanti li fasslu d-dokumenti. Is-seminars jinkludu wkoll attivitajiet prattiċi, bħall-istudju ta' rekords, l-abbozzar ta' dokumenti proċedurali u sekwenzi fittizji.
- L-istudju tal-oqsma fundamentali (id-Dritt Ċivili u d-Dritt tal-Proċedura Ċivili, rispettivament, id-Dritt Kriminali u d-Dritt tal-Proċedura Ċivili) għandu importanza sostanzjali fil-kurrikulu tal-ewwel sena ta' studji, meta jitqies li l-attività ta' mħallef/prosekutur hija bbażata sa punt kbir fuq għarfien speċifiku għal dawn l-oqsma.
- Minbarra l-oqsma legali fundamentali, l-apprendisti ġudizzjarji jistudjaw ukoll id-Dritt Amministrattiv, il-Litigazzjoni ma' Professjonisti, id-Dritt tal-Familja, il-Forensika, id-Dritt Kostituzzjonali, id-Dritt tal-UE u d-Drittijiet tal-Bniedem.
- Il-programm ta' taħriġ jinkludi ħiliet kemm legali kif ukoll mhux legali, raggruppati f'qasam ta' dixxiplini relatati max-xjenzi soċjumanji, li jindirizza suġġetti relatati mal-psikoloġija, mal-komunikazzjoni u mal-iżvilupp personali, mas-soċjoloġija u mal-ħsieb kritiku. L-istudju ta' lingwi barranin jimmira wkoll lejn il-kisba ta' għarfien u l-iżvilupp ta' ħiliet mhux legali rilevanti għall-eżerċizzju tal-professjoni. Komponent

sinifikanti tal-programm ta' taħriġ inizjali huwa l-istudju tal-etika professjonali u tad-deontoloġija, bl-iskop ta' dan is-suġġett ikun li jstabbilixxi u jkseb l-istandards tal-imġiba u morali speċifiċi għall-kariga ta' mħallef/prosekutur, kemm fl-eżerċizzju tal-professjoni u fir-rigward tas-soċjetà, skont ir-regoli interni u internazzjonali.

Wara l-gradwazzjoni mill-ewwel sena ta' studju, l-apprendisti ġudizzjarji jagħżlu l-kariga ta' mħallef jew ta' prosekutur, skont fejn jikklassifikaw u skont in-numru ta' karigi disponibbli stabbilit mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura.

It-tieni sena tal-istudji

- Sabiex jiżviluppaw il-ħiliet neċessarji speċifiċi għall-professjoni, miksubin fl-ewwel sena tal-istudji, iżda wkoll sabiex isiru midħla tal-ambjent professjonali futur, l-apprendisti ġudizzjarji jwettqu l-attivitajiet tagħhom primarjament fil-qrati u fl-uffiċċji tal-prosekuturi. Huma jiġu ggwidati minn tuturi/koordinaturi tal-prattika (imħallfin u prosekuturi), li jkunu meħtieġa jiżguraw li jieħdu sehem fl-attivitajiet rilevanti kollha fi ħdan qorti jew uffiċċju tal-prosekutur. It-tuturi/ll-koordinaturi tal-prattika jkunu parti mill-persunal tat-taħriġ tal-NIM.
- Barra minn hekk, l-apprendisti ġudizzjarji jagħmlu internships f'ditti legali, f'uffiċċji ta' nutara, f'uffiċċji tal-uffiċjali ġudizzjarji. Iwettqu wkoll attività prattika fi ħdan id-dipartimenti tal-probation, l-għases tal-pulizija u l-faċilitajiet korrettivi. L-iskop ta' dawn l-internships huwa li jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-ġudikatura, kif ukoll sabiex l-apprendisti isiru midħla tar-realtajiet ta' professjonijiet legali oħrajn sabiex ikunu jistgħu jstabbilixxu kollaborazzjoni effettiva u siewja fil-ħajja professjonali futura tagħhom.

Matul it-taħriġ inizjali kollu tagħhom, l-apprendisti ġudizzjarji jkollhom l-opportunità li jsiru midħla tal-ispazju legali Ewropew komuni, billi jieħdu sehem fi skambji organizzati fi ħdan il-komponent AIAKOS tal-programm ta' skambju, fil-kompetizzjoni THEMIS tal-iskejjel ġudizzjarji, kif ukoll billi jieħdu sehem fl-iskejjel tas-sajf, immirati sabiex jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet u l-kompetenzi speċifiċi għall-professjoni tal-maġistrati, il-lingwistika, eċċ.

## Terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u tal-proċess ta' kwalifika

Wara li jlestu l-programm ta' taħriġ inizjali pprovdut mill-NIM, l-apprendisti ġudizzjarji jagħmlu eżami tal-gradwazzjoni li jivvaluta l-għarfien miksub, il-ħiliet u l-kapaċitajiet neċessarji sabiex iwettqu l-kariga ta' mħallef jew ta' prosekutur.

Jikkonsisti f'testijiet bil-miktub fis-suġġett tad-dritt ċivili u tad-dritt proċedurali ċivili, tad-dritt kriminali u tad-dritt proċedurali kriminali, tal-etika u tal-organizzazzjoni ġudizzjarja.

Suċċess f'dan l-eżami jiżgura lill-gradwati tal-NIM il-kwalità ta' mħallfin subalterni u ta' prosekuturi subalterni u, skont fejn jikklassifikaw, jagħżlu l-qrati u l-uffiċċji tal-prosekuturi fejn jibdeu il-karriera professjonali tagħhom.

Wara perjodu ta' prova ta' sena, l-imħallfin u l-prosekuturi subalterni jeħtiġilhom jgħaddu minn eżami tal-kapaċitajiet sabiex isiru mħallfin u prosekuturi superjuri/fis-servizz. Dan l-eżami jivvaluta l-għarfien teoretiku u prattiku permezz ta' eżamijiet bil-miktub u orali. L-imħallfin u l-prosekuturi subalterni li jgħaddu jinħatru mill-President tal-Istat b'ħala mħallfin u prosekuturi superjuri.

Wieħed mill-oġettivi ewlenin tat-taħriġ fil-livell inizjali fl-NIM huwa li jipprovdi lill-maġistrati futuri b'taħriġ komprensiv fil-livell inizjali u jgħinjom jarrikkixxu l-għarfien tagħhom fl-akbar numru possibbli ta' oqsma tal-liġi. L-oġettiv rigward it-trasparenza Ewropea u internazzjonali tal-liġi jinkiseb b'mod kostanti permezz tas-sessjonijiet ta' taħriġ dwar id-dritt tal-UE, il-QEDB u l-kunċetti legali Ewropej, billi jiddaħħlu fil-kurrikulu elementi ġodda tad-dritt komparattiv, kif ukoll billi jiġu abbozzati programmi ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet Ewropej responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi u ma' istituzzjonijiet ġudizzjarji Ewropej oħrajn.

---

L-aħħar aġġornament: 21/05/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.